



Brussell, 25 ta' Frar 2019
(OR. en)

6801/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0043 (NLE)

FRONT 77
COWEB 25

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Frar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 90 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 90 final.

Mehmuż: COM(2019) 90 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.2.2019
COM(2019) 90 final

2019/0043 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro
dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-
Kosta fil-Montenegro**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-Artikolu 54(3) tar-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta¹ jipprevedi li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta tista' tikkordina l-kooperazzjoni operazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. F'dan ir-rigward, l-Aġenzija tista' twettaq azzjonijiet fil-fruntieri esterni li jinvolvu Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz li jkun ġar ta' mill-anqas wieħed minn dawk l-Istati Membri, soġġett għall-qbil ta' dak il-pajjiż terz ġar, inkluż dwar it-territorju ta' dak il-pajjiż terz.

Skont l-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) 2016/1624, f'każijiet fejn ikun previst li jintbagħtu timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u l-Kosta f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ikollhom poteri eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jeħtieġu dan, għandu jintlaħaq ftehim dwar l-istatus, bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz konċernat. Dan il-ftehim dwar l-istatus għandu jkopri l-aspetti kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-azzjonijiet. Għandu b'mod partikolari jistipula l-ambitu tal-operazzjoni, ir-responsabbiltà ċivili u kriminali u il-kompiti u s-setgħat tal-membri tat-timijiet. Il-ftehim dwar l-istatus għandu jiżgura r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali matul dawn l-operazzjonijiet.

Abbażi tad-direttivi ta' negozjar adottati mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea nneozjat mal-Montenegro ftehim dwar l-istatus bil-għan li tistabbilixxi l-qafas legali li se jippermetti li wieħed jaġixxi immedjatament billi jiġu stabbiliti Pjanijiet Operattivi meta tkun meħtieġa reazzjoni rapida. Filwaqt li bħalissa l-Montenegro mhuwiex qed jintuża ħafna bħala pajjiż ta' tranżitu mill-migranti, is-sitwazzjoni tista' tinbidel, kif diġà ġara fil-passat. In-netwerks tal-kriminalità organizzata jadattaw malajr ir-rotot u l-metodi tagħhom għall-kuntrabandu tal-migranti għal kwalunkwe ċirkostanza ġdida. Bil-ftehim dwar l-istatus fis-seħħ, l-awtoritajiet responsabbli tal-Montenegro u l-Istati Membri tal-UE, ikkoordinati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, se jkun f'pożizzjoni aħjar biex jirrispondu malajr għal żviluppi possibbli bħal dawn.

Il-proposta meħmuża għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi l-istrument legali għall-konklużjoni tal-ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro.

Fis-16 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill biex tiftaħ negozjati mal-Montenegro dwar ftehim dwar l-istatus dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro.

In-negozjati dwar il-ftehim dwar l-istatus infetħu u ġew iffinalizzati fil-5 ta' Lulju 2018. In-negozjati se jiġu ffinalizzati b'suċċess billi jiġi inizjalat il-ftehim dwar l-istatus f'data aktar tard.

Il-Kummissjoni tqis li ntlaħqu l-oġġettivi stabbiliti mill-Kunsill fid-direttivi ta' negozjati tiegħu u li l-ftehim dwar l-istatus huwa aċċettabbli għall-Unjoni.

L-Istati Membri ġew infurmati u kkonsultati fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill rilevanti.

¹ Ġ.U. 16.9.2016, L 251/1.

- **Relazzjoni mal-ftehimiet bilaterali eżistenti**

Il-ftehim bejn il-Ministeru tal-Intern Kroat u l-Ministeru tal-Intern tal-Montenegro dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija daħal fis-seħħ għall-Kroazja fil-11 ta' Novembru 2011 (NN/MU Nru. 15/2011).

Min-naħa l-oħra hemm fis-seħħ arranġament ta' ħidma (li qed jiġi aġġornat) bejn il-Montenegro u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, li jinkludi, b'mod partikolari, il-parteċipazzjoni regolari tal-awtoritajiet kompetenti Montenegri fl-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, bħala osservaturi fit-territorju tal-Istati Membri.

Il-Montenegro rrapporta kooperazzjoni transfruntiera tajba — speċjalment fil-livell tekniku — mal-ġirien kollha tiegħu u sar progress tajjeb fir-rigward tan-negożjati ta' għadd ta' ftehimiet mas-Serbja, mal-Bożnija-Herzegovina u mal-Kroazja. Protokoll bejn il-Ministeri tal-Intern tal-Montenegro, l-Albanija u l-Kosovo² stabbilixxa Ċentru Konġunt ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija fi Plav li huwa mmirat biex jadvanza l-kooperazzjoni transfruntiera fil-ġlieda kontra l-kriminalità, permezz ta' skambju aktar intensiv ta' informazzjoni operattiva u koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-isforzi konġunti tas-sigurtà. Iċ-Ċentru ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija Konġunta kien miftuħ uffiċjalment fit-30 ta' Mejju 2017.

³ **Konsistenza mal-politiki l-oħra tal-Unjoni**

L-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni hija mibnija fuq erba' pilastri. Waħda minn dawn hija l-ġestjoni tal-fruntieri: din tinvolvi ġestjoni aħjar tal-fruntieri esterna tal-UE, b'mod partikolari permezz tas-solidarjetà lejn dawk l-Istati Membri li jinsabu fuq il-fruntieri esterni, u t-titjib fl-effiċjenza tal-qsim tal-fruntieri. Kontroll imsaħħaħ tal-fruntieri tal-Montenegro se jkollu wkoll impatt pożittiv fuq il-fruntieri esterni tal-UE, kif ukoll il-fruntieri tal-Montenegro. Aktar tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni huwa wkoll konformi mal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija l-Artikolu 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) TFUE.

Il-konklużjoni mill-Unjoni Ewropea ta' ftehim dwar l-istatus hija prevista b'mod espliċitu fl-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) 2016/1624 li jiddikjara li, f'każijiet fejn huwa previst li t-timijiet Ewropej tal-Fruntiera u tal-Gwardja tal-Kosta jiġu skjerati f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ikollhom setgħat eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jeħtieġu dan, l-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim dwar l-istatus mal-pajjiż terz ikkonċernat.

Skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE, l-Unjoni għandu jkollha kompetenza esklussiva għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali meta l-konklużjoni tiegħu tkun prevista f'att leġislativ tal-Unjoni. L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) 2016/1624 jipprevedi l-konklużjoni ta' ftehim dwar l-status mill-Unjoni Ewropea mal-pajjiż terz ikkonċernat. Konsegwentement, il-ftehim meħmuż mal-Montenegro jaqa' taħt il-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

Il-kunsens tal-Parlament Ewropew huwa meħtieġ għall-konklużjoni ta' dan il-ftehim skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) TFUE

² * Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QiG dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

³

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklussiva)**

Mhux applikabbli.

- **Proporzjonalità**

Fid-dawl tal-fatt li n-netwerks tal-kriminalità organizzata malajr jadattaw ir-rotot u l-metodi tagħhom għat-traffikar ta' migranti irregolari, l-involvement tal-UE huwa meħtieġ biex jitlejbu l-kontrolli fil-fruntieri tal-Montenegro. Il-ftehim dwar l-istatus fis-seħħ huwa meħtieġ sabiex l-awtoritajiet responsabbli tal-Montenegro u l-Istati Membri tal-UE, ikkoordinati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, ikunu jistgħu jirreaġixxu malajr għal dawn l-iżviluppi li huma possibbli. Ftehim dwar l-istatus se jippermetti l-iskjerament ta' timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro f'każ ta' influż ta' migranti irregolari għal għarrieda.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija skont l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet mill-Kunsill dwar ftehimiet internazzjonali, wara l-kunsens tal-Parlament Ewropew. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress fil-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati**

Mhux applikabbli

- **Ġbir u użu ta' għarfien**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ebda valutazzjoni tal-impatt ma ġie meħtieġ għan-negozjar tal-ftehim dwar l-istatus.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Billi dan se jkun ftehim ġdid, ma setgħet titwettaq l-ebda evalwazzjoni jew kontroll tal-idoneità tal-istrumenti eżistenti.

- **Drittijiet Fundamentali**

Il-ftehim dwar l-istatus fih dispożizzjonijiet li jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati mill-azzjonijiet tal-membri tat-tim involuti f'azzjoni kkoordinata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta jkunu protetti.

Id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali huma spjegati aktar fil-punt 5 "Elementi oħrajn".

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-ftehim dwar l-istatus fih innifsu ma għandux implikazzjonijiet finanzjarji. Huwa tabilħaqq l-iskjerament reali tat-timijiet tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fuq il-bażi ta' Pjan Operazzjonali u l-Ftehim ta' Għotja rilevanti li se jinvolvi spejjeż li jiġġarrbu mill-baġitt tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. L-operazzjonijiet futuri taħt il-ftehim dwar l-istatus se jiġu ffinanzjati permezz tar-riżorsi proprji tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuż mal-proposta għal Regolament dwar Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta dwar in-nefqa tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta evalwat għal EUR 6.090 miljun bħala medja kull sena għall-perjodu 2017-2020 il-kooperazzjoni msaħħa mal-pajjiżi terzi (inklużi operazzjonijiet konġunti possibbli mal-pajjiżi ġirien).

1.1. 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-istatus.

Il-Montenegro u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom jevalwaw flimkien kull operazzjoni jew intervent rapidu fil-fruntiera li jagħmlu b'mod konġunt.

B'mod partikolari, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-Montenegro u l-Istati Membri li jipparteċipaw għal azzjoni speċifika għandhom ifasslu rapport fi tmiem kull azzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim, inkluż dwar l-ipproċessar ta' data personali.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim

Taħt dan il-Ftehim, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandha tkun tista' tistazzjona t-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta b'setgħat eżekuttivi fil-Montenegro biex twettaq operazzjonijiet konġunti, interventi rapidi jew operazzjonijiet ta' ritorn.

It-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta jistgħu jiġu skjerati fit-territorju tal-Montenegro biss f'reġjuni li għandhom il-konfini mal-fruntieri esterni tal-UE u l-membri tat-tim għandu jkollhom poteri eżekuttivi f'dawk iż-żoni tal-Montenegro kif stabbilit fil-Pjan Operazzjonali.

L-istatus u d-delimitazzjoni taħt il-liġi internazzjonali fit-territorji rispettivi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Montenegro bl-ebda mod ma hija affettwata la minn dan il-Ftehim u lanqas minn kull att imwettaq fl-implimentazzjoni tiegħu mill-Partijiet jew f'isimhom, inkluż l-istabbiliment ta' pjanijiet operazzjonali jew il-parteeipazzjoni f'operazzjonijiet transfruntiera.

It-tnedija ta' azzjoni

L-inizjattiva biex titnieda azzjoni tista' tiġi proposta mill-Aġenzija. L-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro jistgħu jitolbu lill-Aġenzija biex tikkunsidra t-tneđija ta' azzjoni. It-tweđtiq ta' azzjoni jeħtieġ il-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro u tal-Aġenzija.

Pjan Operazzjonali

Qabel kull operazzjoni konġunta jew intervent rapidu fil-fruntiera, irid jiġi miftiehem Pjan Operazzjonali bejn l-Aġenzija u l-Montenegro. Il-Pjan Operazzjonali jrid jiġi miftiehem bejn l-Istat Membru jew l-Istati Membri li jinsabu mal-fruntiera taż-żona ta' operazzjoni.

Il-pjan għandu jistabbilixxi fid-dettall l-aspetti organizzazzjonali u proċedurali tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera, inkluż deskrizzjoni u valutazzjoni tas-sitwazzjoni, l-għan u l-oġettivi operazzjonali, il-kunċett operazzjonali, it-tip ta' tagħmir tekniku li jrid jintuża, il-pjan ta' implimentazzjoni, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra, Aġenziji u korpi oħrajn tal-Unjoni jew organizzazzjonijiet internazzjonali, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, inkluża l-protezzjoni tad-*data* personali, il-koordinazzjoni, l-istruttura tal-kmand, tal-kontroll, tal-komunikazzjoni u tar-rapportar, l-arranġamenti organizzazzjonali u loġistiċi, l-evalwazzjoni u l-aspetti finanzjarji tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera. L-evalwazzjoni tal-operazzjoni konġunta jew tal-intervent rapidu fil-fruntiera għandha titwettag b'mod konġunt bejn il-Montenegro u l-Aġenzija,

Kompiti u setgħat tal-membri tat-timijiet

Bħala regola ġenerali, it-timijiet għandu jkollhom l-awtorità li jwettqu l-kompiti u jeżerċitaw is-setgħat eżekuttivi meħtieġa għall-kontroll tal-fruntieri u għall-operazzjonijiet ta' ritorn. Huma għandhom jirrispettaw il-liġijiet u r-regolamenti tal-Montenegro.

It-timijiet għandhom jaġixxu biss fit-territorju tal-Montenegro taħt l-istruzzjonijiet mingħand u fil-preżenza tal-gwardji tal-fruntiera jew uffiċjali rilevanti oħrajn tal-Montenegro. Il-Montenegro jista' jawtorizza lill-membri tat-tim biex jaġixxu f'ismu.

Il-membri tat-tim għandhom ukoll, fejn xieraq, jilbsu l-uniformi tagħhom, identifikazzjoni personali viżibbli u faxxa tal-idejn blu bl-insinji tal-Unjoni Ewropea u tal-Aġenzija fuq l-uniformi tagħhom. Huma għandhom ukoll iġorru magħhom dokument ta' akkreditazzjoni sabiex jiġu identifikati b'mod ċar mill-awtoritajiet tal-Montenegro.

Il-membri tat-tim jistgħu jġorru armi, munizzjon u tagħmir tas-servizz kif awtorizzat skont il-liġi nazzjonali tal-Istat tagħhom stess. L-Aġenzija għandha tkun notifikata minn qabel mill-awtoritajiet tal-Montenegro dwar l-armi, munizzjon u tagħmir permissibbli tas-servizz u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom.

Il-membri tat-tim jistgħu jużaw il-forza, inkluż armi tas-servizz, munizzjon u tagħmir, bil-kunsens tal-Istat tagħhom stess u tal-awtoritajiet tal-Montenegro, fil-preżenza ta' gwardji tal-fruntiera tal-Montenegro jew persunal rilevanti ieħor, u f'konformità mal-liġi nazzjonali tal-Montenegro. L-awtoritajiet tal-Montenegro jistgħu jawtorizzaw lill-membri tat-tim biex jużaw il-forza anke fin-nuqqas tal-gwardji tal-fruntiera tagħhom.

Il-Montenegro jista' jawtorizza lill-membri tat-tim jikkonsultaw il-bażijiet tad-*data* tiegħu jekk ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet operazzjonali speċifikati fil-Pjan Operazzjonali u għall-operazzjonijiet ta' ritorn. Qabel l-iskjerament tal-membri tat-tim, l-awtoritajiet tal-Montenegro għandhom jinformat lill-Aġenzija dwar liema bażijiet tad-*data* nazzjonali jistgħu jiġu kkonsultati skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-Montenegro.

Sospensjoni u terminazzjoni tal-azzjoni

Kemm l-Aġenzija kif ukoll l-awtoritajiet tal-Montenegro jistgħu jissospendu jew itemmu l-azzjoni, jekk huma jqisu li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew il-Pjan Operazzjonali ma jkunux rispettati mill-parti l-oħra.

Privileġġi u immunitajiet tal-membri tat-tim

Il-membri tat-tim għandhom igawdu mill-immunità mill-ġuriżdizzjoni kriminali tal-Montenegro fir-rigward tal-atti kollha mwettqa fit-tħaddim tal-funzjonijiet uffiċjali ("on duty") filwaqt li dawn ma jgawdux tali immunità għal atti mwettqa "off duty".

Il-Pjan Operazzjonali għandu preċiżament jistabbilixxi l-azzjonijiet li jkollhom immunità mill-ġuriżdizzjoni kriminali tal-Montenegro.

Fil-każ ta' allegazzjoni ta' reat kriminali li qed jitwettaq minn membru tat-tim, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, qabel il-bidu tal-proċediment quddiem il-qorti kompetenti, għandu jiċċertifika lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti tal-Montenegro jekk l-att inkwistjoni kienx twettaq fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet uffiċjali jew le. Id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu jew tagħha wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' kull rappreżentanza li ssir mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun skjera l-gwardja tal-fruntiera kkonċernat jew persunal rilevanti ieħor u l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro. Iċ-ċertifikazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għandha tkun vinkolanti fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro.

Il-privileġġi mogħtija lill-membri tat-tim u l-immunità mill-ġuriżdizzjoni kriminali tal-Montenegro ma jeżentawhomx mill-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru ospitanti.

Sistema simili tapplika għar-responsabbiltà ċivili u amministrattiva tal-membri tat-tim.

L-immunità tal-membri tat-timijiet mill-ġuriżdizzjoni kriminali, ċivili u amministrattiva tal-Montenegro tista' tiġi rinunzjata mill-Istat Membru li jkun skjera l-gwardja tal-fruntiera jew persunal rilevanti ieħor ikkonċernati. Tali rinunzja trid tkun dejjem rinunzja espressa.

Membri tat-tim, li huma xhieda, jistgħu jkunu obbligati li jipprovdu evidenza permezz ta' dikjarazzjoni u skont id-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Montenegro.

Il-ftehim jipprovdi għal mekkaniżmu li għandu l-għan li jikkumpensa d-danni. Il-mekkaniżmu ta' kumpens huwa bbażat fuq l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jekk id-dannu jiġi kkawżat minn membru tat-tim "on duty", il-Montenegro għandu jkun responsabbli. Jekk id-dannu jiġi kkawżat minn membru tat-tim "on duty" minn Stat Membru parteċipanti minħabba negliġenza gravi jew imġiba ħażina volontarja jew jekk l-att twettaq "off duty", il-Montenegro jista' jitlob, permezz tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija, li l-kumpens jitħallas mill-Istat Membru parteċipanti kkonċernat. Jekk il-ħsara tkun ikkawżata minn persunal tal-Aġenzija, il-Montenegro jista' jitlob li l-kumpens jitħallas mill-Aġenzija.

L-ebda miżura ta' eżekuzzjoni ma tista' tittieħed fir-rigward tal-membri tat-tim, ħlief fil-każ li jinbeda kontribom proċediment ċivili mhux relatat mal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom.

L-oġġetti tal-membri tat-tim meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet uffiċjali tagħhom għandhom ikunu ħielsa mill-qbid. Fil-kuntest ta' proċedimenti ċivili, il-membri tat-tim ma għandhomx ikunu suġġetti għal xi restrizzjoni fuq il-libertà personali tagħhom jew għal kwalunkwe miżura oħra ta' lġiem.

Il-membri tat-tim għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jistgħu ikunu fis-seħħ fil-Montenegro fir-rigward tas-servizzi mwettqa għall-Aġenzija. Huma għandhom ukoll ikunu eżentati minn kull forma ta' tassazzjoni fil-Montenegro fuq is-salarju u

l-emolumenti mħallsa lilhom mill-Aġenzija jew l-Istati Membri tagħhom, kif ukoll fuq kull dħul riċevut minn barra mill-Montenegro.

L-awtoritajiet tal-Montenegro għandhom jippermettu d-dħul u l-ħruġ ta' oġġetti għall-użu personali tal-membri tat-tim, u għandhom jagħtu eżenzjoni minn kull dazju doganali, taxxa u imposti relatati oħra (ħlief għall-ħlasijiet għal ħżin, trasport u servizzi simili) fir-rigward ta' dawn l-oġġetti.

Il-bagalji personali tal-membri tat-tim jistgħu jiġu spezzjonati biss f'każijiet ta' suspetti ġustifikati li fihom oġġetti li mhumex għall-użu personali tal-membri tat-tim, jew oġġetti li l-importazzjoni jew l-esportazzjoni tagħhom tkun projbita mil-liġi jew suġġetta għar-regolamenti tal-kwarantina tal-Montenegro. L-ispezzjoni ta' dawn il-bagalji personali għandha titwettaq biss fil-preżenza tal-membri/i tat-tim konċernati jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-Aġenzija.

Id-dokumenti, il-korrispondenza u l-propjetà tal-membri tat-tim għandhom igawdu l-invjolabbiltà, ħlief fil-każ ta' miżuri ta' eżekuzzjoni.

Dokument ta' akkreditazzjoni

L-Aġenzija għandha, f'kooperazzjoni mal-Montenegro, toħroġ dokument ta' akkreditazzjoni lill-membri tat-tim għall-għanijiet ta' identifikazzjoni fil-konfront tal-awtoritajiet tal-Montenegro bħala prova tad-drittijiet tad-detentur li jwettaq il-kompiti u jeżerċita l-poteri mogħtija taħt dan il-Ftehim u fil-Pjan Operazzjonali. Id-dokument ta' akkreditazzjoni, flimkien ma' dokument tal-ivvjaġġar validu, jagħti lill-membri tat-tim aċċess għall-Montenegro mingħajr il-bżonn ta' viża jew awtorizzazzjoni minn qabel.

Drittijiet Fundamentali

Fit-tweġġ tal-kompiti tagħhom u meta jeżerċitaw is-setgħat tagħhom il-membri tat-tim għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-libertajiet, inkluż fir-rigward tal-aċċess għal proċeduri tal-ażil, id-dinjità tal-bniedem u l-projbizzjoni tat-tortura, trattament inuman jew degradanti, id-dritt għal-libertà, il-prinċipju tan-*non-refoulement* u l-projbizzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi, id-drittijiet tat-tfal u d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja. Dawn ma għandhomx jiddiskriminaw b'mod arbitrarju kontra persuni fuq l-ebda bażi, inkluż is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru. Kwalunkwe miżura li tinterferixxi mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali għandha tkun proporzjonata mal-oġġettivi ta' tali miżura u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawn id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali.

Kull Parti għandu jkollha mekkaniżmu ta' lmenti sabiex tittratta l-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mwettaq mill-persunal tagħha. L-Aġenzija stabbiliet mekkaniżmu ta' lment imsemmi fl-Artikolu 72 tar-Regolament (UE) 2016/1624 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u għalhekk tissodisfa dan l-obbligu. L-Ombudsman tal-Montenegro jista' jittratta dawn l-allegazzjonijiet, ħlief jekk l-awtoritajiet tal-Montenegro jiddeċiedu li jistabbilixxu mekkaniżmu inkarigat speċifikament biex jittratta l-ilmenti mressqa taħt dan il-Ftehim.

Ipproċessar ta' data personali

Id-data personali għandha tiġi pproċessata minn membri tat-tim meta dan ikun meħtieġ għat-tweġġ tal-kompiti tagħhom u għall-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom skont ir-regoli applikabbli għall-Aġenzija u għall-Istati Membri tal-UE. L-ipproċessar ta' data personali mill-Montenegro għandu jkun suġġett għal liġijiet nazzjonali tagħha.

L-Aġenzija, l-Istati Membri parteċipanti u l-awtoritajiet tal-Montenegro għandhom iħejju rapport komuni dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mill-membri tat-tim fi tmiem kull azzjoni. Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Uffiċjal tad-Drittijiet Fundamentali tal-Aġenzija u lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Huma għandhom jirrapportaw għand id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

Tilwim u interpretazzjoni

Il-kwistjonijiet kollha li jirriżultaw b'rabta mal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu eżaminati b'mod konġunt mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Montenegro u minn rappreżentanti tal-Aġenzija, li għandhom jikkonsultaw mal-Istat Membru jew l-Istati Membri ġirien tal-Montenegro.

Fin-nuqqas ta' soluzzjoni minn qabel, it-tilwim li jikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandu jiġi riżolt biss b'negozjar bejn il-Montenegro u l-Kummissjoni Ewropea, li għandha, kull meta jkun meħtieġ, tikkonsulta lil kwalunkwe Stat Membru ġar tal-Montenegro.

L-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim

Għall-Montenegro, l-awtorità kompetenti għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim huwa l-Ministru tal-Intern. Għall-Unjoni Ewropea, hija l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Dikjarazzjoni Konġunta

Iż-żewġ partijiet jaqblu li l-astensjoni milli tittieħed kwalunkwe miżura li tista' tfixx xi prosekuzzjoni kriminali sussegwenti possibbli tal-membru tat-tim mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti tinkludi l-astensjoni minn attività li tiffaċilita b'mod attiv ir-ritorn tal-membru kkonċernat tat-tim mill-bini operazzjonali tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro lejn l-Istat Membru ta' orijini tiegħu, sakemm issir iċ-ċertifikazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro
dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-
Kosta fil-Montenegro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 77(2)(b) u (d) u l-Artikolu 79(2)(c), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) L-Artikolu 54(4) tar-Regolament (UE) 2016/1624, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ jistipula li, f'każijiet fejn ikun previst li jintbagħtu timijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'pajjiż terz f'azzjonijiet fejn il-membri tat-tim ikollhom setgħat eżekuttivi, jew fejn azzjonijiet oħra f'pajjiżi terzi jirrikjedu dan, għandu jintlaħaq ftehim dwar l-istatus, mill-Unjoni mal-pajjiż terz konċernat. Dan il-ftehim dwar l-istatus jenħtieġ li jkopri l-aspetti kollha meħtieġa għat-twettiq tal-azzjonijiet.
- (2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/XXX ta' [...], il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro ("il-Ftehim") kien iffirmat minn [...] fi [...], soġġett għall-konklużjoni tiegħu iktar tard.
- (3) Skont il-Ftehim, it-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, f'konformità mal-Pjan Operazzjonali, ikunu jistgħu jiġu skjerati malajr fit-territorju tal-Montenegro, iwieġbu għall-bidla attwali fil-flussi migratorji lejn ir-rotta kostali u jassistu fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' migranti irregolari.
- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li r-Renju Unit ma jiħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE⁶; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

⁴ ĠU C , , p.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1)

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jiehd parti f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43).

- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁷; Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew marbuta bl-applikazzjoni tagħha.
- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-ftehim dwar l-istatus jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u Montenegro dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Montenegro ("il-Ftehim"), huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna bis-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, għan-notifika prevista fl-Artikolu 12(2) tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

⁷

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).